MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2005

Avviz Numru. 1311/1999/1

**Avviz numru 1311/99DM**

**B.A.S. Limited**

**Vs**

**Power Centre Co Ltd u b'digriet tal- 5 ta' April, 2000, intalbet korrezzjoni fl-isem tal-kumpanija konvenuta fis-sens li jinbidel ghal Zachrome Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema s-socjeta' attrici talbet il-kundanna tas-socjeta' konvenuta, ghall-hlas tas-somma ta' erba' mija u sebghin lira Maltin u hamsa u sittin centezmu (Lm470.65) ghal servizz ta' trasport ta' merkanzija bl-ajru, u servizzi konnessi kif jidher mil-fatturi E 29978/31.10.98, E 30670/09.12.98, dokumenti mmarkati rispettivament 'A' u 'B' annessi ma' l-Avviz.

Bl-interessi legali mid-dati tar-rispettivi fatturi u bl-ispejjez, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta fejn ecceppiet illi:

1. It-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi rigettata bl-ispejjes kontra s-socjeta’ attrici li naqset li tesegwixxi fedelment l-inkarigu lilha fdat u konsegwentement ikkawzat danni ngenti lill-eccippjent u ghalhekk mhija ntitolata ghall-ebda kumpens;
2. Minghajr pregudizzju ghas-suespost din il-Qorti ghandha tissopprassiedi in vista tal-att ta’ citazzjoni fl-ismijiet inversi, ippresentat illum stess fil-Prim’Awla tal-Qorti Civili, li permezz tieghu s-socjeta’ eccippjenti qeghda titlob id-danni in linea ma’ l-ewwel eccezzjoni taghha peress illi, ghar-ragunjiet ta’ nuqqas ta’ kompetenza, ma setghetx taghmel kontro-talba quddiem din il-Qorti.
3. Kwalsiasi pagament talvolta dovut lis-socjeta’ attrici ghandu jigi pacut akkont tad-danni subiti mis-socjeta’ eccippjenti.
4. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti ta’ l-1 ta’ Dicembru, 2000, permezz ta’ liema kienet laqghet it-tieni (2) eccezzjoni sollevata mill-konvenuti u kienet iddikjarat li qed tissoprasjedi u ddifferit il-kawza *sine die* riappuntabbli fuq talba verbali wara gudizzju definittiv fil-kawza civili;

Rat id-digriet taghha tal-5 ta’ Frar, 2004, fejn irriappuntat il-kawza ghas-smiegh ghat-30 ta’ April, 2004;

Rat illi l-konvenuti ma gabu ebda provi in kontestazzjoni tat-talba attrici;

Billi l-konvenuti ma baghtu ebda rapprezentant sabiex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni pprezentati mill-kumpanija attrici, issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Ghaldaqstant il-Qorti qeghda tilqa’ it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi s-somma mitluba ta’ erba’ mija u sebghin lira Maltin u hamsa u sittin

centezmu (Lm470.65) ghar-ragunijiet indikati fl-Avviz, bl-imghaxijiet legali b'effett mill-24 ta' Awissu, 1998.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------